MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Numru. 238/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Raymond Abela ta' 42 sena iben Joseph u Carmen nee' Cortis imwieled Awstralja nhar it-30 ta' Settembru 1966 u residenti detentur ta'l-karta ta'l-identita' numru 126583(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Raymond Abela akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda u cioe` talli:

1. fit-12 ta' Jannar 2009 gewwa Hal Qormi ghal habta tal-5:50p.m. ikkommetta serq ta' ventura tal-ghamla Citroen Berlingo bin-numru ta' registrazzjoni LQZ-088 b'kontenut ta' oggetti medicinali u farmacewtici fost oggetti ohra liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi 2329.37ewro, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa u dan sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija V.J. Salamone u/jew persuni ohra;

2. talli fit-12 ta' Jannar 2009, gewwa Hal Qormi f'xi hin bejn il-5:00p.m. u s-6:15pm ikkommetta serq ta' oggetti medicinali u prodotti farmacewtici fost oggetti ohra minn vettura ta'l-ghamla Peugeot Par 190C bin-numru tar-registrazzjoni KBA-908, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi 232.94euro kif ukoll bil-mezz u bin-natura tal-haga misruqa, u dana sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-kumpanija M.G.S. Ltd u/jew persuni ohra.

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fil-vettura imsemmija hawn fuq KBA-908 liema hsara li teccedi 116.47euro, liema hsara saret ghad-dannu tad-dirigenti tal-kumpanija M.G.S. Ltd u/jew persuni ohra;

4. talli fl-14 ta' Frar 2009 u fil-jiem ta' qabel f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom u cioe' laqa' ghandu l-imsemmija prodotti medicinali u farmacewtici rapportati misruqa mill-vettura LQZ-088 u mill-vettura KBA-908;

5. talli kiser il-provvediment ta' sentenza ta' sitt xhur progunerija sospiza ghal sentejn moghtija lilu fl-4 ta' Mejju 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Doreen Clarke LLD, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. talli kiser il-provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu fit-13 ta'

Ottubru 2008 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Laurence Quintano LLD, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdulha. U aktar talli rrenda ruhu recediv ai termini ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija lilu mill-Qorti ta'l-Appell u tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat l-artikoli tal-Ligi mibghuta mill-Avukat Generali tas-16 ta' Frar 2010;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dan il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jammetti ir-raba akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif ukoll jammetti l-akkuza dwar ir-recidiva, liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni dwar piena;

Ikkunsidrat;

Illi min-nota tar-rinviju ghal gudizzju, jirrizulta illi ghalkemm gew addebitati lill-imputat diversi akkuzi fosthom ta' serq u hsara volontarja, madanakollu l-Avukat Generali dehrlu li tista' tinstab htija fil-konfront ta' l-imputat biss ghar-reat tar-ricettazzjoni a tenur ta'l-artikolu 334(a) u 279(a) tal-Kodici Kriminali.[1] Illi in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond is-subartikolu 3 ta' l-artikolu 370, ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali u kwindi dina l-Qorti hija marbuta ma' dawn id-disposizzjonijiet tal-Ligi u xejn izjed meta tigi biex tghaddi il-gudizzju taghha fil-konfront tal-persuna akkuzata. Illi ir-reat tar-ricettazzjoni indikat fin-nota tar-rinviju jinsab inkwadrat fir-raba akkuza,

[1] Ara nota ta' rinviju a fol.131 tal-process

ghal liema akkuza l-imputat jirregistra ammissjoni u dana kif jirrizulta mill-verbal tat-22 ta’ Marzu 2010. Illi ghaldaqstant dina l-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn aktar u dana billi kemm mill-ammissjoni volontarja u inkondizjonata ta’l-imputat kif ukoll mill-provi kollha mismugha matul l-iter processwali, tirrizulta il-htija ta’l-imputat ghal dana r-reat.

Illi l-Avukat Generali imbaghad jindika wkoll id-disposizzjonijiet ta’l-artikoli 28B u 28C tal-Kapitolu 9, kif ukoll l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u dana ghal dak indikat fil-hames u is-sitt akkuzi migjuba fil-konfront ta’l-imputat. Illi fis-seduta tat 22 ta’ Marzu 2010, l-Prosekuzzjoni ghamlet referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ippresjeduta mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli  minn fejn jirrizulta illi b’sentenza tat-2 ta’ April 2009, l-imputat kien diga gie misjub hati ta’ dawn iz-zewg reati u l-Qorti ghaddiet sabiex taghti provvediment ghal ksur tas-sentenza sospiza moghtija fil-konfront ta’ l-imputat tal-4 ta’ Mejju 2008 u il-ksur ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 moghtija fit-13 ta’ Ottubru 2008. Illi ghalhekk peress illi dawn l-ahhar zewg akkuzi ghaddew in gudikat permezz tas-sentenza surriferita[2], dina l-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’l-istess.

Illi fl-ahharnett l-imputat ammetta wkoll illi huwa recidiv skond il-ligi u dana kif jirrizulta ukoll mill-fedina penali piuttost ikkulurita tieghu[3], kif ukoll minn diversi sentenzi esebiti fl-atti processwali[4].

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti tistqarr illi ma kienet xejn facli illi hija tasal ghad-decizjoni finali taghha. Dana peress illi l-fedina penali ta’ l-imputat ma hijiex xi wahda felici. Huwa gie ikkundannat ghal diversi reati b’diversi sentenzi ta’ dawn il-Qrati. L-imputat ukoll ghamel xi zmien inkarcerat u anke ipprova jirriforma hajtu diversi drabi izda minghajr success. Dana x’aktarx minhabba problemi psikologici u anke problemi

[2] Ara sentenza tat-2 ta’ April 2009 a fol. 114 et seq. Dokument AP6
[3] Ara fedina penali a fol. 166 sa 186
[4] Ara sentenzi AP6, AP7 u  AP8 a fols 114 sa 123.

ta' depressjoni li kienu jimpeduh milli jkompli programm ta' rijabilitazzjoni. Mir-rapport tal-probation officer Ivan Sultana[5] u b'mod specjali mill-ahhar xhieda moghtija minnu f'din il-kawza u cioe' ix-xhieda ta' l-4 ta' Ottubru 2010, jidher illi l-imputat qieghed jaghmel sforz sabiex johrog mill-problemi li ghandu. Jidher illi illum ghandu impjieg fiss u qieghed jattendi ghal sezzjonijiet fi hdan is-SEDQA. Inoltre ma jidhirx illi l-imputat qieghed jabbuza mis-sustanza tad-droga u qieghed jipprova jikkontrolla l-abbuz tieghu. Madanakollu is-sitwazzjoni ghadha mhijiex wahda tajba u l-imputat ghad ghandu hafna xoghol x'jaghmel sakemm jista' jghid li hareg minn dina l-problema. Huwa ghadu vulnerabbli u ghandu bzonn l-ghajnuna. Illi minn mindu inbdiet dina l-kawza, l-imputat hareg mill-habs fejn kien qed jiskonta piena karcerarja. Ftit taz-zmien wara li hareg mill-habs huwa gie involut f'incident gewwa Ghawdex mat-tfajla tieghu u terzi persuni u anke mal-pulizija. Dana sehh minhabba xi disgwid li kellu mat-tfajla tieghu fejn huwa kien qieghed jagixxi wkoll taht l-influwenza tal-akohol.[6] Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat ghandu diversi problemi kemm psikologici, kif ukoll socjali u emozjonali li ghalhekk jirrenduh bniedem kemmxejn dghajjef u l-Qorti ghandha id-dubbji taghha kemm l-imputat dina id-darba sejjer fil-fatt ikompli fit-triq tar-riforma. Madanakollu min-naha l-ohra jidher illi ghalkemm l-imputat gie inkarcerat diversi drabi, dana ma kienx ta' ghajnuna sabiex huwa johrog mill-problemi tieghu, izda serva iktar ta' deterrent. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-imputat ghandu jinghata l-fiducja mill-gustizzja ghall-ahhar darba billi jidher illi hemm sinjali posittivi fil-hajja tieghu.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 334(a), 279(a) 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt illi tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tieni, u it-tielet akkuzi, issibu hati tar-raba akkuza u ta'l-akkuza tar-recidiva u tastjeni mill-tiehu konjizzjoni ta'l-ahhar zewg akkuzi, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti

---

[5] Ara rapport Dokument IS a fol.151 et seq.

[6] Ara xhieda Ivan Sultana a fols. 147 u 148

qed tqieghed lil hati taht ordni ta' probation u dana ghal zmien tlett snin mil-lum bil-kundizzjoni illi l-hati qabel xejn jiehu il-kura psikjatrika kollha li jenhtieg, kif ukoll li isegwi programm ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------